# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħdax (11) ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru 15/2021 FDP**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 477/2020
fl-ismijiet

**Michelle Vella (ID 302986M)**
**u**
**Stephen Anthony Camilleri (ID 151782M)**

**Vs**

**Philip Camilleri (ID 319546M), Peter Paul Camilleri (Passaport Nru 104717406) u Maria Pisani (ID 1520A)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 8 ta' Jannar 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Illi l-intimati, Michelle Vella u Stephen Anthony Camilleri, talbu u ottjenew, fis-7 ta' Mejju, 2020 il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra r-rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf euro (€22,000) u rriżervaw l-imgħax u l-ispejjeż u dan in kawtela tad-drittijiet tagħhom mill-wirt ta' Francis Xavier Camilleri kif dedotti fil-kawża li huma intavolaw kontra r-rikorrenti hawn fuq ċitata (***Dok. PC 1***).*

    2. *Illi l-istess intimati, Michelle Vella u Stephen Anthony Camilleri, talbu fid-19 ta' Mejju, 2020 u ottjenew, fis-16 ta' Ġunju, 2020 il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 543/2020 u dan in kawtela ta' semhom mill-proprjeta' li ddevolviet fuqhom mill-wirt ta' Francis Xavier Camilleri kif*

*dedotti fil-kawża li huma ntavolaw kontra r-rikorrenti hawn fuq ċitata. Illi l-kreditu indikat mill-intimati fl-imsemmi mandat ta' inibizzjoni huwa ta' mija u tletin elf euro (€130,000) (***Dok. PC2***).*

3. *Illi l-atturi, l-intimati odjerni annettew mar-rikors maħluf tagħhom dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Marilena Cristina datat 7 ta' Jannar, 2020 (***dok. MC 4***) fejn huma taw valur għal nofs indiviż għat-tieni fond immobbiljari li ġej mill-wirt tan-nanniet tagħhjom Francis Xavier u Olga Camilleri, u ċioe l-appartament internament immarkat bin-numru 3, f'Leman Mansions, Triq l-Imdina, Ħ'Attard. L-ammont indikat huwa ta' ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000).*

4. *Illi l-intimati, atturi fil-kawża fuq indikata, bdew iressqu l-provi tagħhom bil-proċedura tal-affidavit. Fosthom hemm dik tal-perit Joseph Cassar. Mal-imsemmi affidavit hemm annessa stima tal-fond immobbiljari 40, Triq Birkirkara c/w Triq il-Ġonna, Ħ'Attard (***Dok. PC 3***). L-istess fond ġie stmat mil-perit inkarigat mill-intimati fis-somma ta' disa' mija tmienja u għoxrin elf u mitejn euro (€928,200). Nofs dan l-ammont jiġi erba' mija, erbgħa u sittin elf u mitt euro (€464,100), li huwa l-ammont indikat mill-atturi, intimati odjerni, fid-dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Marilena Cristina tas-7 ta' Jannar, 2020 (***dok. MC 4***).*

5. *Illi d-defunt Francis Xavier Camilleri kellu wkoll kont bankarju mal-Bank of Valletta fl-ammont ta' ċirka tmenin elf euro (€85,518) (***Dok. PC 4***).*

6. *Illi jekk jingħaddu dawn it-tlett ammonti ta' €55,000, €464,100 u €85,518 flimkien jiġi l-ammont ta' sitt mija u erbat' elef, sitt mija u tmintax-il euro (€604,618).*

7. *Illi l-kontendenti huma familjari. L-intimati Michelle Vella u Stephen Anthony Camilleri huma ulied id-defunt Anthony Camilleri li ġie nieqes fit-30 ta' Novembru, 2012. Ir-rikorrenti Philip Camilleri, Peter Paul Camilleri u Maria Pisani jiġu ħut id-defunt Anthony u allura z-zijiet tal-intimati.*

8. *Illi l-erba' aħwa Camilleri, hawn fuq imsemmija, huma ulied id-defunti Francis Xavier sive Saverio Camilleri li miet fit-8 ta' Marzu, 2019 u ta' Olga Camilleri li mietet fit-3 ta' April, 2013. Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri jiġu n-nanniet paterni tal-intimati odjerni.*

9. *Illi l-kawża intavolata mill-atturi, intimati odjerni, hija fis-sens li huma għandhom dritt li jirtu kwart min sehem Francis Xavier sive Saverio Camilleri u dan bħala eredi universali ta' missierhom Anthony Camilleri, li jigi iben Francis Xavier Camilleri. Fil-kontro-talba tagħhom, il-konvenuti, rikorrenti odjerni qed jikkontestaw dan il-fatt l-għaliex it-testment datat 6 ta' Awwissu, 2001 huwa ċar u dan fis-sens li l-intimati odjerni ma humiex indikati bħala eredi u allura ma jispettahom xejn la mill-wirt ta' nanniethom*

*Olga Camilleri u lanqas mill-wirt ta' nannuhom Francis Xavier sive Saverio Camilleri.*

10. *Illi jekk l-atturi, intimati odjerni jingħataw raġun mill-Onorabbli Qorti, allura huma jkun imisshom kwart min-nofs tal-wirt ta' nannuhom Francis Xavier Camilleri, li jfisser li huma jkollhom dritt għal ċirka mija wieħed u ħamsin elf mija u erbgħa u ħamsin euro (€151,154) li huwa bejn wieħed u ieħor l-ammont ikkawtelat mill-atturi, intimati odjerni biż-żewġ mandati kawtelatorji tagħhom (€22,000 fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u €130,000 bil-mandat ta' inibizzjoni, b'kollox mija tnejn u ħamsin elf euro (€152,000)).*

11. *Illi dan ifisser li l-intimati odjerni qegħdin jikkawtelaw is-somma ta' €152,000 b'żewġ mandati kawtelatorji. Bil-mandat ta' inibizzjoni, qiegħda tinżamm proprjeta' immobbiljari u ċioe 40, Triq Birkirkara, Ħ'Attard, li l-valur intier tagħha, skont il-perit Joseph Cassar, inkarigat mill-istess intimati jiswa €928,200. Dato ma non concesso li l-proċeduri ġudizzjarji intavolati mill-intimati odjerni kontra z-zijiet tagħhom ikollhom eżitu pożittiv, xorta waħda r-rikorrenti ser ikunu komproprjetarji ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-imsemmija proprjeta'. Ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) ta' €928,200 jiġi sitt mija sitta u disgħin elf mija u ħamsin euro (€696,150).*

12. *Illi għalhekk, l-pretensjoni tal-intimati odjerni, li f'termini monetarji ġiet stamata fl-ammont ta' ċirka mija tnejn u ħamsin elf euro (€152,000) hija iktar milli kawtelata bil-mandat ta' inibizzjoni numru 543/2020 li ġie akkordat fuq l-imsemmija proprjeta' immobbiljari fis-16 ta' Ġunju, 2020.*

13. *Illi konsegwentement ma għadx hemm, u proprjament qatt ma kien hemm, il-ħtieġa li jinħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, li tiegħu qiegħda tintalab ir-revoka permezz tar-rikors odjern. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, ma huwiex meħtieġ li jinżamm il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 477/2020 fis-seħħ.*

14. *Illi bl-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 477/2020 ġiet maqbuda s-somma ta' €3,421.52c, mil-liema somma, l-Bank of Valletta p.l.c. iddepożita s-somma ta' €3,300.11 permezz ta' ċedola numru 741/2020 (***Dok. PC 5***). Spejjeż u drittijiet tal-imsemmija ċedola ammontaw għas-somma ta' €121.41c. Dawn l-ispejjeż, saru inutilment u tnaqqsu mill-ġid tar-rikorrenti. L-intimati kienu jafu ben tajjeb li bil-proprjeta immobbiljari biss il-pretensjonijiet tagħhom kienu kawtelati abbundantament, imma minkejja dan, huma xorta ippersistew u ppreżentaw il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 477/2020.*

15. *Illi mis-16 ta' Ġunju, 2020, u ċioe mid-data meta ġie akkordat il-mandat ta' inibizzjoni numru 543/2020 'lil hawn, l-intimati odjerni baqgħu ma għamlu xejn għar-rigward tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern bin-numru*

*477/2020 u ħallewh fis-seħħ. Illi l-intimati odjerni kellhom, immedjatament li ġie milqugħ il-mandat ta' inibizzjoni, jirregolaw ruħhom sabiex il-pretiż debitur ma jibqgħux issikkati żżejjed. Illi dan ifisser, fil-fehma tar-rikorrenti, li l-fatt li l-intimati ħallew dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fis-seħħ anke wara li nħareġ il-mandat ta' inibizzjoni, jagħmel il-kontinwazzjoni taż-żamma fis-seħħ ta' dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, bħala aġir vessatorju, li tiġġustifika, fil-fehma tar-rikorrenti, l-imposizzjoni tal-penali taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

16. *Illi l-mandati kawtelatorji għandhom skop preċiż u jridu jintużaw biex jiġu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiż debitur jew għall-pika jew bi ħsieb malizzjuż ieħor. Kreditur għandu dritt jitlob il-ħruġ ta' kull mandat permess bil-liġi, pero', għandu jikkontrolla l-effetti tagħhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu meħtieġ, għandu jirregola ruħu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew tħassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati m'għandhomx jintużaw bħala magna ta' estorzjoni, iżda bid-debita prudenza, u l-abbuż jista', u għandu jiġi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali. Il-mandati kawtelatorji huma, min-natura tagħhom, sikkanti fuq il-pretiż debitur, speċjalment meta, fl-istadju li jinħarġu, ma jkunx għad hemm determinazzjoni tal-pretensjoni tal-kreditur, u kwindi għandhom jiġu kkontrollati kontinwament, u l-ħtieġa u l-estensjoni tagħhom ivverifikata skont iċ-ċirkostanzi.*

*GĦALDAQSTANT, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitolbu umilment lill-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *TIRREVOKA u TĦASSAR il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 477/2020, ai termini tal-artiklu 836(1)(f) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *TIKKUNDANNA lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti dik is-somma li ma tkunx anqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69c) u mhux aktar minn sitt elef, disa' mija tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12c) a tenur tal-artiklu 836(8)(d) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *TAWTORIZZA lir-rikorrenti sabiex jiżbankaw mir-reġistru tagħha l-flejjes kollha depożitati mill-banek bis-saħħa tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 477/2020, inkluż dawk depositati biċ-ċedola numru 741/2020.*

*Bl-ispejjeż.*

2. Rat illi fid-19 ta' Frar 2021, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

1. *IIll l-esponenti intimati huma wild il-mejjet Anthony Camilleri, li jiġi hu r-rikorrenti Philip, Peter Paul, u Maria aħwa Camilleri, ilkoll ulied it-testaturi Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri;*

2. *Illi bejn il-partijiet hemm diżgwid dwar l-interpretazzjoni tax-xewqat tat-testaturi fit-Testment Unica Carta tad-defunti Francis Xavier u Olga konjuġi Camilleri, nanniet tal-esponenti intimati, ippubblikat minn Nutar Herbert Cassar fis-6 ta' Awwissu 2001, mertu tal-kawża numru 274/2020 (FDP) fl-ismijiet Michelle Vella et vs Philip Camilleri et;*

3. *Illi l-eredita tad-defunti Francis u Olga konjuġi Camilleri tikkomprendi l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3), f'Leman Mansions, Triq l-Imdina, Ħ'Attard, il-fond sitwat f'numru 40, Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Ġonna, Ħ'Attard, u flus li kienu miżmuma fil-Bank of Valletta fl-ammont totali ta' €85,518.00 li ġew unikament żbankati mill-intimati;*

4. *Illi l-esponenti Michelle Vella u Stephen Camilleri talbu u ottjenew il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 477/2020 fuq l-ammont spettanti lilhom mill-flus irtirati mir-rikorrenti u li kienu miżmuma fil-kontijiet tal-Bank of Valletta u mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju numru 543/2020 fuq il-proprjetajiet su riferiti;*

5. *Illi dawn il-mandati kawtelatorji ġew institwiti mill-esponenti intimati wara li r-rikorrenti fis-6 ta' Settembru 2019 qabdu u ffirmaw kuntratt Causa Mortis (Dok. MC3 mar-rikors promotur) fejn iddikjaraw li in forza tat-testment mertu tal-kawża su riferita, peress li missier l-esponenti intimati li jiġi iben it-testatur miet qabel l-istess testatur, skont id-dritt tal-akkrexximent stipulat fl-imsemmi testment, l-uniċi eredi huma r-rikorrenti u konsegwentement eskludew 'il barra lill-esponenti intimati, u agħar minn hekk għaddew sabiex żbankaw u qasmu kif riedu huma l-flus li l-mejjet Francis Xavier Camilleri kellu ddepożitati l-bank (Dok. MC 5 mar-rikors promotur);*

6. *Illi r-rikorrenti intavolaw rikors a tenur tal-Artikolu 836(l)(f) u 836(8) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 477/2020, tikkundanna lill-esponenti jħallsu danni skont l-artikolu 836(8)(d) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tawtorizza l-iżbank mir-reġistru ta' flus li ġew iddepożitati bis-saħħa tal-mandat ta' sekwestru numru 477/2020 inklużi dawk depożitati biċ-ċedola numru 741/2020;*

7. *Illi dan ir-rikors għall-kontro-mandat għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu, u dan għas-segwenti raġunijiet;*

8. *Illi t-tilwim eżistenti bejn il-partijiet mhux wieħed ta' natura kummerċjali iżda jitratta testment u kunflitt dwar il-qsim tal-wirt bejn l-eredi tat-testatur Francis Xavier Camilleri u permezz tal-kontro-talba intavolata mill-intimati, kunflitt bejn l-eredi dwar il-qsim tal-wirt tat-testattriċi Olga Camilleri;*

9. *Illi l-Liġi, senjatament fl-Artikolu 836 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, trid illi l-pussess ta' ħwejjeġ il-mejjet li jkunu jiffurmaw parti mill-wirt jgħaddu b'mod ta' kontinwazzjoni fil-werriet, b'dana illi f'każ ta' nuqqas ta' qbil, huwa l-wirt sħiħ u fl-intier tiegħu li għandu jkun ikkawtelat sakemm tiġi deċiża s-sentenza, u dan stante l-fatt li sakemm ikun hemm deċiżjoni l-werrieta jkunu lkoll komproprjetarji tal-wirt kollu, inkluż il-mobbli;*

10. *Illi in vista tas-suespost, l-esponenti intimati setghu jekk riedu jitolbu sekwestru fuq l-ammont kollu depożitat fil-kontijiet bankarji li t-testatur Francis Xavier Camilleri kellu fil-Bank of Valletta, iżda naqsu milli jagħmlu dan ghax l-intenzjoni tagħhom, kuntrarjament għal dak li qed jallegaw ir-rikorrenti, hija unikament sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom u mhux biex joħolqu xi inkonvenjent liz-zijiet tagħhom li dejjem kellhom relazzjoni tajba magħhom;*

11. *Illi l-mod kif ġie redatt il-kontro-mandat jikxef l-intenzjoni u l-attitudni li għandhom ir-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti intimati, li filwaqt li qed jitrattaw is-suċċessjoni bħala biċċa negozju bejn kummerċjanti, jippretendu li jiddettaw x'parti mill-wirt għandha tmiss lill-esponenti intimati, u agħar minn hekk jitolbu li jħallsu d-danni sempliċiment għax ħadu azzjoni sabiex jipproteġu l-interessi tagħhom bħala werrieta leġittimi;*

12. *Illi t-talba għall-ħlas tad-danni ai termini tal-Artikolu 83 6(8)(d) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta wkoll għandha tiġi miċħuda u dan stante l-fatt illi l-intimati qed ifittxu li jipproteġu d-dritt leġittimu tagħhom mill-wirt, kif fuq kollox huwa l-iskop tal-mandati kawtelatorji;*

13. *Illi l-argument li r-rikorrenti flimkien jipposjedu 75% tal-fond 40, Triq Bikirkara, Ħ'Attard mhix raġuni biżżejjed sabiex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru, u la huwa loġiku u lanqas legali li r-rikorrenti jiddettaw ġja minn issa xi jsir mill-proprjeta;*

14. *Illi l-Qorti Ċivili fis-sentenza Paul Attard noe vs Loreto Abela, deċiża fil-25 ta' Mejju 2005 irriteniet illi;*

> *Illi għar-rigward tal-azzjoni attriċi immirata għall-kundanna tal-imħarrek għad-danni minħabba u b'konsegwenza ta' ħruġ ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewġ prinċipji ewlenin; l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għall-jedd li għandu ma jitqiesx li hu responsabbli għall-ħsara mġarrba minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd (quisuo jure utitur neminem laedere videtur) it-tieni wieħed hu dak li l-jedd li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorita' ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn.*

15. *Illi in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jeħtiġilhom jispeċifikaw liema ċirkostanzi jrendu 'l dan il-mandat ta' sekwestru mhux ġustifikat, u kif jista' ma jkunx meħtieġ wara li l-istess rikorrenti qed jaċċettaw li żbankaw*

*u qasmu kif riedu huma flus li jappartjenu lill-werrieta kollha, inkluż 1-esponenti intimati.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet su esposti l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija kif ukoll rat il-kopja tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 543/2020 fl-istess ismijiet u ppreżentat fid-19 ta' Mejju 2020.

4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazzjoni l-kawża ġiet differita għal deċiżjoni finali għal-lum.

**Ikkunsidrat**

5. Jirriżulta, mill-atti kif imressqa quddiem dina l-Qorti, illi bejn il-partijiet hemm kwistjoni pendenti illi tirrigwarda l-wirt ta' Francis Xavier Camilleri, li jiġi missier r-rikorrenti aħwa Camilleri u n-nannu ta' l-intimati.

6. Jirriżulta illi tali kwistjoni ġiet redatta f'kawża illi qiegħda tinstema' minn dina l-Qorti, kif komposta, Rikors Ġuramentat Nru 274/2020.

7. Jirriżulta illi Michelle Vella u ħuha Stephen Anthony Camilleri jikkontendu li r-rikorrenti odjerni, illi huma z-zijiet tagħhom iddisponew minn assi kemm fi propjeta' kif ukoll fi flus illi kellu Francis Xavier Camilleri, liema propjeta' u flejjes ir-rikorrenti jikkontendu illi huma għandhom ikollhom sehem.

8. Jirriżulta illi, għal dak illi jirrigwarda s-sehem tagħhom tal-propjeta', l-aħwa Vella u Camilleri jikkontendu illi huma intavolaw il-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi, Numru 534/2020, u dana għal valur ta' €130,000 li huwa s-sehem tagħhom tal-propjeta' illi jikkontendu li kellhom.

9. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-aħwa intimati Vella u Camilleri ippreżentaw ukoll Mandat ta' Sekwestru, illi huwa l-meritu tal-azzjoni odjerna, fl-ammont ta' €22,000, li huma jikkontendu huwa s-sehem tagħhom mill-flejjes żbankati mir-rikorrenti odjerni.

**Ikkunsidrat**

10. Jirriżulta illi l-kawża odjerna ġiet intavolata a tenur tal-Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12, illi jipprovdi li ġej:

11. Jirriżulta illi fil-kawża **Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et** il-Qorti qalet is-segwenti:

*.... mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża propja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprija.*

Żieded tgħid:

> *... dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss li teżamina prima facie jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża."*

12. Fil-kawża **CMK Assets Ltd vs Beacon Light Ltd**, deċiża fil-15 ta' Settembru 2015, il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar tali tagħlim:

> *Dak li din il-Qorti trid tistħarreġ huwa jekk ir-rekwiżiti li trid il-liġi għall-ħruġ tal-mandat ikunu jidhru mill-att innifsu kif ukoll illi tara li l-att ma jkunx inħareġ b`mod abbużiv ("Paul Hili vs Dr. Joselle Farrugia" – Qorti tal-Kummerċ – 23 ta` Ġunju 1994).*
>
> *Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza. Jibqa` d-dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. ("Vincent Mercieca vs George Galea" – PA - 29 ta' Novembru 2001).*
>
> *Jekk 'il quddiem il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutant m'għandu jitħallas xejn, xorta waħda ma jistax jingħad neċessarjament li l-mandat ma kienx iġġustifikat għax is-suċċess jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorju nħareġ b' mod vessatorju jew fieragħ. ("Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri" – PA - 10 ta' Jannar 1992 ; u "Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited" – PA - 16 ta` April 2004).*

**Ikkunsidrat**

13. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq l-Artiklu 836 (1) (f) tal-Kap 12, li jipprovdi li jista' jintalab li jiġi revokat u mħassar Mandat jekk:

> *... jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli*

14. Kif osservat il-Qorti fil-kawża **Taormina Holdings Limited vs Biochemicals International Limited**, deċiża fit-30 ta' Ottubru 2003:

> *"Fil-ħruġ ta' atti kawtelatorji ma hemmx għalfejn li jiġi ppruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun biżżejjed li min qed jitlob il-ħruġ tal-mandat jikkonferma bil-ġurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proċeduri mhux intiżi biex iservu ta' reviżjoni għar-rigward tal-ordni tal-ħruġ tal-mandat. Dawn il-proċeduri jsiru sabiex jiġi stabbilit jekk jeżistux l-estremi li trid il-liġi, skond il-provvedimenti tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jiġi*

> *revokat in parte jew in toto. Għalhekk mhux neċessarjament jiġu prodotti dokumenti sabiex jikkonfermaw il-kreditu. In oltre l-pretensjoni li l-mandat in kwestjoni hu ta' preġudizzju lir-rikorrenti mhux raġuni valida għala l-mandat għandu jiġi revokat."*

15. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti odjerni qegħdin jikkontendu li ma huwiex raġonevoli illi jinżammu flejjes tar-rikorrenti meta ġia inżammitilhom propjeta' li tiswa ferm aktar mill-ammont komplessiv mitlub fil-Mandat ta' Sekwestru odjern u l-Mandat ta' Inibizzjoni.

16. Jirriżulta illi l-intimati aħwa Vella u Camilleri jikkontendu, da parte tagħhom, illi dak illi huwa kkawtelat fejn jirrigwarda l-Mandat ta' Inibizzjoni, tikkonċerna biss is-sehem tagħhom mill-propjeta, filwaqt illi permezz tal-Mandat ta' Sekwestru odjern, huma kkawtelaw is-sehem tal-flejjes illi ġew żbankati mir-rikorrenti odjerni.

17. Jirriżulta, minn dak indikat, illi prima facie, l-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru odjern, kif ukoll il-Mandat ta' Inibizzjoni, li ma huwiex meritu tal-proċeduri odjerni w li l-Qorti ma hijiex qiegħda tikkunsidra jew tiddeċiedi dwarhom, huma lkoll maħruġa limitatament għas-sehem tal-intimati mill-flejjes u propjeta' li jikkontendu illi għandhom u għalhekk jidher illi, prima facie, il-ħruġ tagħhom huwa ġustifikat.

## Ikkunsidrat

18. Jirriżulta illi r-rikorrenti qegħdin jitolbu wkoll il-ħruġ ta' penali fil-konfront ta' l-intimati u dana a tenur tal-Artikolu 836 (8) (d) tal-Kap 12.

19. Fil-kuntest tal-imposizzjoni ta' penali, il-Qorti tagħmel referenza għal dak illi ntqal fil-kawża **Joseph Tabone vs Capece Construction Limited** deċiża fl-14 ta' Awwissu 2013, fejn intqal is-segwenti:

> *Illi dwar il-kwestjoni tal-imposizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali imposizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward, u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubblika immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.*

20. Il-Qorti tosserva illi, mill-assjem tal-fatti kif prodotti quddiemha fuq bażi prima facie, ma ssib ebda ċirkostanza illi tiġġustifika l-ħruġ u l-imposizzjoni ta' penali fuq min talab il-ħruġ tal-Mandat, ossija l-intimati aħwa Vella u Camilleri.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti Philip, Peter Paul u Maria Pisani, aħwa Camilleri.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku tar-rikorrenti insolidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**